# Kif Toni mar il-ħabs.

Toni, imlaqqam Għaxxixlu, kien għażeb bidwi, li għalkemm kien kiser it-30 sena, qatt ma kien ħareġ mid-dinja ċkejkna tar-raħal tiegħu. Mid-dar għall-għalqa fil-għodu kmieni, mill-għalqa għad-dar mad-dalma ta' fil-għaxija, kien igħaddi ħajja il-bogħod mit-taħsir ta' żmienna u mitfugħ biss f'dik il-ħajja ta' xogħol, u f'dik l-oħra li l-kappillan minn fuq il-pulptu ta' kull fil-għodu kien igħallem. Kien għalhekk Toni bniedem ġwejjed, ta' ftit kliem, ftit u xejn mistħi, twajjeb kemm tridu u fuq kollox fidil daqs tarbija.

Għodwa waħda Toni kien sejjer bl-imgħażqa fuq spalltu lejn l-għalqa tiegħu, meta fil-bogħod jilmaħ mara beltija ġejja lejh. Kien l-aqqal tas-sajf u din il-mara ma kenitx lura fil-moda tal-lbies. Toni kien għadu kif sama' prietka qawwija kontra l-modi tan-nisa, u hekk kif lemaħha ġejja lejh, donnha trid tikser il-kliem tal-kappillan, ma setax iżomm ir-rabja li ħass ġo fih.

"Din għandu jara l-kappillan, biex tara x'ħasla jagħtiha!" qal bejnu u bejn ruħu. "U għax m'hawnx il-kappillan għandha tgħaddi minn għajr ħadd ma jkellimha? Huwa dmir tiegħi bħala nisrani li nwissiha jien."

Hallieha għalhekk toqrob sewwa, u meta deherlu li kien il-waqt waqaf f'nofs it-trieq biex ma tgħaddix u beda jgħidilha:

"Ma tistħix b'dak l-ilbies fuqek, b'dawk dirgħajk u saqajk barra, donnok demonju tal-infern? Ma tafx tilbes ċulqana suret in-nies, u ma tagħtix skandli? Jew ma temminx bl-infern? Ma tafx int li għad trid tagħti kont 'l Alla tiegħu dan?!" u meta xaba' jgħidilha ħafna kliem ieħor bħal dan telaq għal xogħlu.

Dik il-mara, kollha mbeżżgħa, inbelgħet quddiemu u ma qalitx kelma. Ħsiebha kien biss fl-imgħażqa li Toni bir-rabja kien ixejjer l-hawn u l-hemm u li minn ħin għal ieħor stenniet taqa' fuq rasha. Ħasbet li Toni kien miġnun. "U minn daqshekk nies fid-dinja għax kelli ninzirta jien", qalet bejnha u bejn ruħha. Iżda meta sabet ruħha weħidha ma tilfitx żmien u marret qalet lill-pulizija dak kollu li kien ġralha.

Toni baqa' sejjer b'rasu mniżżla jitgħaxxaq ġo fih b'dak li kien għamel. "Issa nħossni li għamilt dmiri" qal lilu n-nifsu. "Issa tara kemm jifraħli l-kappillan meta jisma' bil-biċċa! Min kien ikollu l-ħila jkellem sinjura bħal dik? In-nies igħiduli Għaxxixlu, imma llum urejthom kif dmiri nafu jien."

Kien għadu ma wasalx fl-għalqa tiegħu, meta żewġ pulizija ġew għalih.

"Xi tridu?" qalilhom Toni x'ħin rahom ġejjin fuqu.

"Irriduk tiġi magħna."

"Niġi magħkom għalfejn?"

"Dik affari tagħna!"

Dak in-nhar u l-lejl ta' wara Toni għaddiehom fiċ-ċipp.

L-għada fil-għodu l-qorti kien mimli bin-nies tar-raħal ta' Toni biex jisimgħu l-kawża tiegħu. Toni f'naħa tal-qorti kien fih għors tas-sew waqt li kien iħares immasħan lejn dik il-mara li kienet ġibitu hemm.

"Tassew li inti għajjart lil-din il-mara?" staqsieh il-maġistrat.

"Iva sinjur" qal Toni. "U mhux tassew...?" u beda jpinġi bi kliem goff u b'sinjali kif dik il-mara kienet liebsa.

Kull min kien jisimgħu ma setax iżomm bid-daħk u l-maġistrat tant daħak li ma satax jissokta.

Meta nqatgħet is-sentenza Toni ma stagħġebx bi ftit xħin sab li bħala ħlas ta' dak li kien għamel weħel ħmistax ħabs.

WIĠI PORTELLI